## Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna | 5
DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ



*Francesco Pio Attard*
fpa@sangorg.org

# *Il-Porta Salutis*: San Pawl jinkarna l-fidi f'Malta


Wieħed mid-disinni proposti għall-proġett, maħdum minn Joseph Chetcuti.

Il-mixja tagħna ma' l-arti Pawlina fil-bażilika ta' San Ġorġ din id-darba teħodna fuq barra tal-bażilika kif ukoll lejn xogħol artistiku iktar riċenti fiż-żmien minn dawk li tkellimna fuqhom sa issa. Barra minn hekk, għandna quddiemna, mhux xogħol ta' pittura kif rajna sa issa f'din is-sensiela, imma wieħed ta' skultura fil-bronż. U malli wieħed jisma' l-kelma *bronż* ħsiebu mill-ewwel itir lejn il-bieb maestuż u monumentali, jew *Porta Salutis*, li jżejjen id-daħla prinċipali tal-bażilika Ġorġjana. Dan il-monument artistiku mill-isbaħ, li hu wieħed mill-aħħar żidiet fil-ġabra ta' xogħlijiet skulturali li għandha l-bażilika, hu disinn ta' l-artist lokali John Grima (1967- ), li huwa wkoll skultur u pittur.

Għalkemm kien ħolma li kienet diġà nħasset żmien twil qabel, kien fl-2004 li tlesta x-xogħol fuqu, l-ewwel għand l-artist Għawdxi fejn saret l-ewwel skultura skond id-disinni diskussi u fuq il-pariri ta' bosta esperti, imbagħad fil-*Fonderia Bonvicini* ta' Verona fejn dawn inħadmu fil-bronż. Din kienet l-istess funderija li fl-1977 għamlet il-bieb tal-bronż ta' Minguzzi fil-bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, kif ukoll il-"ħames bieb" tal-katidral ta' Milan fl-1965. Il-bieb il-ġdid, b'dimensjonijiet ta' ħames metri bi tnejn u nofs, wasal Għawdex u tqiegħed f'postu t-Tlieta 13 ta' Lulju 2004, u ġie mbierek u inawgurat uffiċjalment mill-isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi dak in-nhar stess fil-għaxija, waqt funzjoni mill-isbaħ li saret fi Pjazza San Ġorġ. Kienet il-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ, il-patrun tal-gżira; u tal-bronż, għax tulha ġie sa fl-aħħar inawgurat ukoll il-monument ta' l-isqof Ġużeppi Pace, maħdum fil-bronż minn Ċensu Apap, għall-bażilika!

Il-bieb sar biex ifakkar il-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni (2000) kif ukoll is-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ (2003), bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, li daħħal lill-bażilika ta' San Ġorġ f'era ta' bosta proġetti ambizzjużi li ssoktaw jikkonfermawha bħala ċentru kulturali dinamiku fil-qalba tal-gżira. Farrugia kien ikkummissjona d-disinn tal-bieb lill-artist diġà fis-sena 1998, u immedjatament beda l-ġbir ħabrieki tal-finanzi għall-proġett, li kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin. Fil-fatt dan hu l-ewwel bieb kollu kemm hu tal-bronż li qatt inħadem għal knisja f'Malta; dawk tal-knisja Griega fil-belt Valletta u ta' dik parrokkjali tan-Naxxar huma magħmula minn kisja tal-bronż fuq l-injam. Fuq il-bieb jidhru l-armi tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ta' l-isqof ta' Għawdex Nikol Ġ. Cauchi u ta' l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia.

Il-bieb tal-bronż ħa post wieħed eqdem ta' l-injam, li ftit li xejn għandna tagħrif fuqu, imma aktarx li jmur lura lejn it-tlestija tal-knisja fl-1678. Dan il-bieb sabiħ il-lum jinsab fis-*Sala San Mikiel*, fejn qabel kien hemm is-sagristija l-qadima, fiċ-ċentru parrokkjali ta' San Ġorġ. Fl-istess sala hemm imwaħħal ukoll, ftit passi 'l bogħod, l-abbozz tal-bieb il-ġdid, li barra l-preġju tal-materjal tiegħu, hu wkoll "ġdid" fil-qasam ta' l-arti sagra Maltija għax, minkejja x-xeħta artistika "moderna" u kontemporanja tiegħu, joqgħod tajjeb ħafna mal-faċċata klassika tal-bażilika. Fl-istess waqt ikompli mat-tradizzjoni antika tal-Knisja li tgħallem il-veritajiet kbar tal-fidi tagħha permezz ta' l-arti illustrattiva. Grima, ta' artist kapaċi li hu, irnexxielu jgħaqqad flimkien l-antik mal-ġdid, f'xogħol ta' l-arti uniku li jfur bis-simboliżmu.

Is-sens teoloġiku ta' bieb tal-bronż għad-daħla ta' knisja hu wieħed qawwi. Il-"bieb", għalkemm ħaġa materjali, jissimbolizza d-daħla spiritwali fit-tempju fejn jgħammar Alla, u fejn allura min jemmen jista' jikseb is-salvazzjoni, u diġà f'kulturi oħra qabel dawk Kristjani kien jostor tifsir qawwi. Kristu nnifsu hu l-uniku bieb tas-salvazzjoni tal-bniedem (ara Ġw 10:9): hu għalhekk li jissejjaħ *Porta Salutis*, f'ilsienna "Bieb is-Salvazzjoni",


L-artist John Grima josserva l-panew Pawlin.

kif juru l-kelmiet fuq nett tal-bieb. Il-kliem tas-salmista jista' jiġi applikat perfettament, f'sens simboliku, għal dak li jfisser il-bieb ta' kull knisja bħala d-dar ta' Alla: "Iftħuli l-bibien tal-ġustizzja, ħa nidħol minnhom u rrodd ħajr lill-Mulej" (Salm 118:19); hu l-mogħdija mid-dinja għall-ġustizzja ta' Alla. Kien minn hawn li, diġà fis-seklu erbatax, daħlet l-idea tal-"bibien imqaddsa" fl-erba' bażiliċi patrijarkali ta' Ruma, b'rabta mas-snin ġubilari mxandra mill-Knisja. Min kien jgħaddi minn bejn dawn il-bibien fi żmien xi ġublew kien igawdi mill-grazzji ta' xi indulġenza, u għalhekk il-bieb, diġà sa mill-qedem sinjal ta' bidu ġdid, sar ukoll wieħed ta' tisfija u ħajja ġdida f'Alla. Imma fis-sewwa kollu, kull bieb ta' knisja hu *"porta santa"*! Il-bronż, imbagħad, hu materjal għani li jevoka l-qima vera li tixraq lil Alla.



Il-bieb il-qadim ta' l-injam (xellug), u dak ġdid tal-bronż (lemin) inawgurat fl-2004.

Din it-tifsira teoloġika qawwija ma tistax tidher aktar ċara fil-*Porta Salutis* tal-bronż tal-bażilika tagħna, maħsuba minn Mons. Ġużeppi Farrugia li, barra li kien l-arċipriet fiż-żmien li fih sar il-bieb u l-moħħ ewlieni wara l-proġett, hu wkoll wieħed mit-teologi prominenti fil-gżejjer tagħna. Il-bieb tabilħaqq dinjituż hu mqassam f'erba' koppji ta' panewijiet b'valur simboliku għoli. Jekk tħares lejn il-bieb minn fuq għal isfel, dawk tax-xellug jirraffiguraw erba' ġrajjiet kbar tal-misteru ta' Kristu: l-Inkarnazzjoni, is-Salib, il-Qawmien, u Għid il-Ħamsin; waqt li dawk tal-lemin jirrappreżentaw il-misteru tal-Knisja: l-evanġelizzazzjoni universali u dik lokali mwassla minn Pawlu, il-persekuzzjoni kontra l-Knisja ssimbolizzata fil-ġlieda ta' San Ġorġ mad-dragun, it-trijonf tal-Martri fis-Sema fi ħdan it-Trinità Qaddisa, u l-protezzjoni smewwija ta' San Ġorġ fuq il-ġemgħa Kristjana Għawdxija miġbura madwar l-Ewkaristija. Għalhekk meta wieħed jagħti ħarsa sħiħa lejn il-bieb kollu mhux biss jilmaħ sekwenza kronoloġika f'linja vertikali, imma wkoll kumplimentarjetà teoloġika f'dik orizzontali. Kull żewġ panewijiet maġenb xulxin juru l-għaqda bejn il-misteru ta' Kristu u dak tal-Knisja. Bla dubju, il-bieb tal-bronż ta' San Ġorġ jixraqlu tifsira teoloġika dettaljata għalih waħdu.




Imma, kif hu l-ħsieb ta' din is-sensiela, hawn nieqfu nħarsu biss lejn il-panew tal-bieb li, hekk kif tħares lejh, jinsab fit-tarf tal-lemin, fuq nett. Ix-xena maħduma fil-bronż turi lil San Pawl iwassal il-fidi lill-Maltin, kif imxandra fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, kapitlu 28. L-Appostlu tal-Ġnus jidher wieqaf, qiegħed jamministra s-sagrament tal-Magħmudija mqaddsa, imdawwar minn ħames persunaġġi oħra, uħud bil-wieqfa u oħrajn għarkubbtejhom, waħda bi tfajjel magħha. Dawn jirrappreżentaw il-poplu Malti li laqa' bi ħġaru lil Pawlu u l-predikazzjoni tiegħu, u fosthom nistgħu nimmaġinaw il-preżenza ta' Publiju, il-prinċep tal-gżira, imma wkoll ta' Luqa, id-dixxiplu u l-evanġelista, li akkumpanja lil Pawlu fil-vjaġġ. Hu Luqa l-kronista u n-narratur ta' din il-ġrajja hekk għażiża għalina l-Maltin. F'riġlejn Pawlu tidher ukoll ħuġġieġa tan-nar, u għalhekk nistgħu nidentifikaw il-mument bħala dak tal-wasla ta' Pawlu fuq il-gżira eżatt wara n-nawfraġju, meta ntlaqa' mill-ġenerożità tal-Maltin li qabbdulu ħuġġieġa tan-nar biex jisħon mir-reżħa.

L-għażla ta' dan is-suġġett Pawlin fuq il-bieb tal-bronż tinftiehem perfettament meta wieħed iħares lejn it-tema sħiħa ta' l-opra. Barra minn hekk, wieħed jifhem dan il-panew f'rabta ma' dak ta' maġenbu, fuq ix-xellug, li juri l-Inkarnazzjoni tal-Mulej. Hawn ninsabu quddiem żewġ misteri tewmin: fuq naħa, l-Iben ta' Alla jsir bniedem; fuq l-oħra, il-bniedem, permezz ta' l-evanġelizzazzjoni u l-Magħmudija, isir iben ta' Alla. Il-ġrajja ta' l-ewwel xandir tal-fidi Kristjana fuq artna hi wkoll tema qawwija li tagħmel sens fuq il-bieb tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, għax din hi l-"knisja" li sa mill-qedem kienet il-benniena tal-fidi ta' Kristu u ta' Pawlu f'Għawdex tagħna.



Pjazza San Ġorġ mimlija għall-funzjoni tat-tberik tal-bieb.



L-arċipriet Farrugia, l-isqof Cauchi u l-arċipriet emeritu Borg waqt il-funzjoni tat-tberik tal-bieb. Jidher ukoll l-artist, John Grima.